



Il-Qorti tal-Ġustizzja tiegħu deċiżjoni dwar l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tidentifika problemi ta' kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni

Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") hija ftehim internazzjonali multilaterali konkluż fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa ¹. Il-KEDB daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1953. Il-Membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa huma Partijiet Kontraenti ta' din il-konvenzjoni.

Permezz ta' opinjoni tal-1996 ², il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà kkunsidrat li, fl-istat tad-dritt Komunitarju kif kien fis-seħħ f'dak iż-żmien, il-Komunità Ewropea ma kellhiex il-kompetenza li taderixxi għall-KEDB.

Sadanittant, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni pproklamaw, fl-2000, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li ngħatat l-istess valur legali bħat-Trattati permezz tat-Trattat ta' Lisbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009. Dan it-Trattat emenda wkoll l-Artikolu 6 tat-Trattat UE li issa jipprovdi, minn naħa, li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali u, min-naħa l-oħra, li l-Unjoni għandha taderixxi għall-KEDB ³. Madankollu, fir-rigward ta' dan il-punt tal-aħħar, il-Protokoll Nru 8 ⁴ jipprovdi li l-ftehim ta' adeżjoni għandu jissodisfa ċerti kundizzjonijiet li jirriflettu b'mod partikolari l-ħtieġa li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni u tad-dritt tal-Unjoni u li huma intiżi li jiggarantixxu li l-adeżjoni tal-Unjoni la taffettwa l-kompetenzi tagħha u lanqas is-setgħat tal-istituzzjonijiet tagħha.

Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill, fl-4 ta' Ġunju 2010, adotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni ġiet innominata bħala negozjatur. Fil-5 ta' April 2013, in-negozjati wasslu għal ftehim dwar l-abbozzi tal-istrumenti ta' adeżjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, fl-4 ta' Lulju 2013, ressqet talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb l-opinjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-abbozz ta' ftehim mad-dritt tal-Unjoni, inkonformità mal-Artikolu 218(11) TFUE ⁵.

Fl-opinjoni tagħha mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret li t-Trattat ta' Lisbona solva l-problema tal-assenza ta' bażi legali għall-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB, tenfasizza li, peress li l-Unjoni ma tistax titqies li hija Stat, din l-adeżjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi

¹ Il-Kunsill tal-Ewropa twaqqaf permezz ta' ftehim internazzjonali ffirmat f'Londra fl-5 ta' Mejju 1949 li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Awwissu 1949 sabiex tinħoloq unjoni eqreb bejn il-Membri tiegħu. L-għanijiet tiegħu huma li jiġu protetti u promossi l-ideali u l-prinċipji tal-patrimonju komuni tal-Membri tiegħu u li jiġi f'favorit il-progress ekonomiku u soċjali fl-Ewropa. Attwalment, 47 Stati Ewropej huma Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, fosthom it-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

² Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 1996 ([2/94](#)).

³ Artikolu 6(2) tat-Trattat UE.

⁴ Protokoll (Nru 8) dwar l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

⁵ F'din il-proċedura intervenew 24 Stat Membru.

partikolari tal-Unjoni, kif huwa rikjest preċiżament mill-kundizzjonijiet li t-Trattati stess imponew fir-rigward tal-adeżjoni.

B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva l-ewwel nett li, permezz tal-adeżjoni, il-KEDB, b'hal kull ftehim internazzjonali ieħor konkluż mill-Unjoni, ser tkun torbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri u, għalhekk, ser tkun tagħmel parti integrali mid-dritt tal-Unjoni. F'tali każ, l-Unjoni, b'hal kull Parti Kontraenti oħra, ser tkun suġġetta għal kontroll estern fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet u tal-libertajiet previsti mill-KEDB. B'hekk, l-Unjoni u l-istituzzjonijiet tagħha ser ikunu suġġetti għall-mekkaniżmi ta' kontroll previsti minn din il-konvenzjoni u, b'mod partikolari, għad-deċiżjonijiet u għas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB").

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li huwa minnu li huwa inerenti għall-kunċett stess ta' kontroll estern li, minn naħa, l-interpretazzjoni tal-KEDB mogħtija mill-Qorti EDB ser torbot lill-Unjoni u lill-istituzzjonijiet tagħha u li, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dritt irrikonoxxut mill-KEDB ma hijiex ser torbot lill-Qorti EDB. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċfika li dan ma jistax ikun il-każ fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja stess tagħti lid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, lill-Karta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod partikolari li, sa fejn il-KEDB tagħti lill-Partijiet Kontraenti l-possibbiltà li jipprevedu standards ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dawk iggarantiti minn din il-konvenzjoni, għandha tiġi żgurata **koordinazzjoni bejn il-KEDB u l-Karta**. Fil-fatt, meta d-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, huwa meħtieġ li l-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mill-KEDB tibqa' limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġi evitat li jiġu kompromessi l-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta kif ukoll is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **fl-abbozz ta' ftehim ma hija prevista ebda dispożizzjoni sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-approċċ adottat fl-abbozz ta' ftehim, fejn l-Unjoni qiegħda tiġi assimilata għal Stat u fejn qiegħda tingħata rwol identiku minn kull aspekt għal dak ta' kull Parti Kontraenti oħra, jinjora preċiżament in-natura intrinsika tal-Unjoni. B'mod partikolari, dan l-approċċ jonqos milli jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Istati Membri, fir-rigward tal-oqsma li huma s-suġġett tat-trasferiment ta' kompetenzi mill-Istati Membri lill-Unjoni, aċċettaw li r-relazzjonijiet bejniethom ikunu rregolati mid-dritt tal-Unjoni, bl-esklużjoni ta' kull dritt ieħor. Billi teżiġi li l-Unjoni u l-Istati Membri jitqiesu li huma Partijiet Kontraenti mhux biss fir-relazzjonijiet mal-Partijiet li ma humiex Stati Membri tal-Unjoni, iżda wkoll fir-relazzjonijiet reċiproċi bejniethom, **il-KEDB tirrikjedi li kull Stat Membru jivverifika r-rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri l-oħra, u dan anki meta d-dritt tal-Unjoni jimponi l-fiduċja reċiproka bejn dawn l-Istati Membri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-adeżjoni tista' tikkomprometti l-bilanċ li fuqu hija bbażata l-Unjoni kif ukoll l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni**. Issa, fil-ftehim maħsub ma ġie previst xejn sabiex jiġi evitat tali żvilupp.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-**Protokoll Nru 16 għall-KEDB**, iffirmit fit-2 ta' Ottubru 2013, jawtorizza lill-ogħla qراطي tal-Istati Membri jressqu quddiem il-Qorti EDB talbiet għal opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ta' prinċipju marbuta mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet iddefiniti mill-KEDB jew mill-protokoll tagħha. Peress li, fil-każ ta' adeżjoni, il-KEDB ser tkun parti integrali mid-dritt tal-Unjoni, **il-mekkaniżmu stabbilit permezz ta' dan il-protokoll jista' jaffettwa l-awtonomija u l-effikaċja tal-proċedura ta' rinviu għal deċiżjoni preliminari** prevista mit-Trattat FUE, b'mod partikolari meta d-drittijiet iggarantiti mill-Karta jikkorrispondu għal dawk irrikonoxxuti mill-KEDB. Fil-fatt, ma huwiex eskluż li talba għal opinjoni konsultattiva mressqa taħt il-Protokoll Nru 16 minn qorti nazzjonali tista' tibda l-proċedura msejġha "ta' involviment minn qabel" tal-Qorti tal-Ġustizzja⁶, b'tali mod li hemm ir-riskju li tiġi evitata l-

⁶ Din il-proċedura hija prevista fl-abbozz ta' ftehim stess u hija intiża li tippermetti l-involviment tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti EDB li fihom ikun inkwistjoni d-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tkun għadha ma tatx l-interpretazzjoni tagħha.

proċedura ta' rinwiju għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-abbozz ta' ftehim ma jipprevedi xejn fir-rigward tar-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ mekkaniżmi.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li t-Trattat FUE jipprovdi li l-Istati Membri jobbligaw ruħhom **li ma jippreżentawx tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattati għal xi metodu ta' soluzzjoni li ma jkunx wieħed minn dawk previsti fit-Trattati**⁷. Għaldaqstant, meta d-dritt tal-Unjoni jkun inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tisma' kull tilwima bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn dawn tal-aħħar u l-Unjoni dwar l-osservanza tal-KEDB. Il-fatt li, skont l-abbozz ta' ftehim, il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhomx jitqiesu li huma modi ta' soluzzjoni ta' tilwim li għalihom irrinunzjaw il-Partijiet Kontraenti fis-sens tal-KEDB ma jistax ikun biżżejjed sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, l-abbozz ta' ftehim iħalli fis-seħħ **il-possibbiltà li l-Unjoni jew l-Istati Membri jressqu quddiem il-Qorti EDB talba li s-suġġett tagħha jkun ksur allegat tal-KEDB imwettaq minn Stat Membru jew mill-Unjoni b'konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni**. L-eżistenza stess ta' tali possibbiltà **tippreġudika r-rekwiżiti tat-Trattat FUE**. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-abbozz ta' ftehim kien ikun jista' jkun kompatibbli mat-Trattat FUE biss li kieku l-ġurisdizzjoni tal-Qorti EDB kienet eskluża espliċitament fir-rigward tat-tilwim bejn l-Istati Membri jew bejn dawn tal-aħħar u l-Unjoni dwar l-applikazzjoni tal-KEDB fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, fl-abbozz ta' ftehim, **il-mekkaniżmu ta' difiża konġunta** għandu l-għan li jiżgura li l-applikazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti EDB minn Stati mhux Membri u l-applikazzjonijiet individwali jiġu indirizzati b'mod korrett kontra l-Istati Membri u/jew l-Unjoni, skont il-każ. L-abbozz ta' ftehim jipprovdi li Parti Kontraenti ssir konvenuta konġunta jew billi taċċetta stedina mill-Qorti EDB, jew permezz ta' deċiżjoni ta' din tal-aħħar fuq talba mill-Parti Kontraenti stess. Meta l-Unjoni jew l-Istati Membri jitolbu li jintervjenu bħala konvenuti konġunti f'kawża quddiem il-Qorti EDB, huma għandhom jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura huma ssodisfatti, u l-Qorti EDB għandha tiddeċiedi dwar din it-talba fid-dawl tan-natura plawżibbli tal-argumenti mressqa. Permezz ta' dan l-istħarriġ, il-Qorti EDB ser tkun meħtieġa tevalwa r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw it-tqassim tal-kompetenzi bejn din tal-aħħar u l-Istati Membri tagħha kif ukoll il-kriterji ta' imputazzjoni tal-atti jew tal-ommissjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Qorti EDB ser tkun tista' tadotta deċiżjoni definittiva li tkun torbot kemm lill-Istati Membri u kemm lill-Unjoni. Jekk il-Qorti EDB titħalla tadotta tali deċiżjoni, **dan jista' jkun ta' preġudizzju għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha**.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet deċiżjoni dwar **il-proċedura ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja**⁸. Hija tosserva l-ewwel nett li, għal dan il-għan, il-kwistjoni ta' jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkunx diġà ddeċidiet dwar l-istess punt ta' liġi bħal dak li jkun is-suġġett tal-proċedura quddiem il-Qorti EDB għandha tiġi riżolta biss mill-istituzzjoni kompetenti tal-Unjoni, u d-deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni għandha torbot lill-Qorti EDB. Fil-fatt, jekk il-Qorti EDB titħalla tiddeċiedi dwar tali kwistjoni, dan ikun ifisser li dik il-qorti tkun qiegħda tingħata l-ġurisdizzjoni tinterpreta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, din il-proċedura għandha tiġi organizzata b'tali mod li, f'kull kawża pendenti quddiem il-Qorti EDB, informazzjoni kompleta u sistematika għandha tiġi indirizzata lill-Unjoni, sabiex l-istituzzjoni kompetenti tkun f'pożizzjoni li tevalwa jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tkunx diġà ddeċidiet dwar il-kwistjoni li tkun is-suġġett ta' tali kawża u, jekk dan ma jkunx il-każ, li tikseb l-implementazzjoni ta' din il-proċedura. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li **l-abbozz ta' ftehim jeskludi l-possibbiltà li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tiegħu deċiżjoni dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt idderivat permezz ta' din il-proċedura. Tali limitazzjoni tal-portata ta' din il-proċedura għal kwistjonijiet ta' validità biss tippreġudika l-kompetenzi tal-Unjoni u s-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja**.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza l-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-**istħarriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni** (iktar 'il quddiem il-**"PBSK"**). F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, ċerti atti adottati fil-kuntest tal-PBSK ma jaqgħux taħt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tali sitwazzjoni hija inerenti għall-mod kif ġew organizzati s-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-Trattati u, bħala tali, tista'

⁷ Artikolu 344 tat-Trattat FUE.

⁸ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

tkun iġġustifikata biss fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni biss. Madankollu, permezz tal-adeżjoni kif prevista fl-abbozz ta' ftehim, **il-Qorti EDB ser tingħata l-awtorità tiddeċiedi dwar il-konformità mal-KEDB ta' ċerti atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-PBSK** u, b'mod partikolari, ta' dawk li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. Tali sitwazzjoni tkun tfisser li **l-istħarriġ ġudizzjarju** tal-imsemmija atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet tal-Unjoni, fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, **ikun qiegħed jiġi fdat esklużivament lil korp estern għall-Unjoni**. Għaldaqstant, l-abbozz ta' ftehim **ma jħarisx il-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju** tal-atti, azzjonijiet jew ommissjonijiet tal-Unjoni **fil-qasam tal-PBSK**.

Fid-dawl tal-problemi identifikati, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB ma huwiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni**.

Nota: Stat Membru, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ftehim maħsub ikunx kompatibbli mat-Trattati. Meta l-opinjoni tal-Qorti tkun kuntrarja, il-ftehim maħsub ma jistax jidħol fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew it-Trattati ma jiġux riveduti.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-opinjoni jinsab fuq is-sit CURIA.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tal-opinjoni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106